**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 1147/2021 DC**

***Elmo Insurance Limited***
***kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha***
***Robert Tabone f'ismu proprju u eżerċenti l-kummerċ bl-isem 'Top Choice'***

***vs***

***Jet Freight Limited u***
***Clayton Abela Logistics Limited***

**Illum, 20 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi** preżentat fit-23 ta' Novembru 2021 permezz ta' liema ppremettiet:-

1. *Illi, f'Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), l-assikurat tas-soċjetà esponenti Robert Tabone f'ismu proprju u eżerċenti l-kummerċ għan-nom tal-intrapriża kummerċjali lokali bl-isem "Top Choice" ("Top Choice"), inkariga lis-soċjetà Jet Freight Limited ("Jet Freight") sabiex iġġorr u tikkonsenja sitt pallets konsistenti f'erbgħa mija ħamsa u sebgħin (475) appliance domestiku u kosmetiku elenkat fil-fattura hawn annessa u markata Dok. TC1 (il-"Konsenja") bil-valur ta' ħamsa u għoxrin elf tlett mija tnejn u tmenin ewro u erbgħin ċenteżmu (€25,382.40), mill-maħżen tas-soċjetà Ingliża Global Purchasing and Sourcing Group ("GSPG") ġewwa r-Rumanija lejn Malta.*

2. *Illi, fis-sebgħa (7) ta' Novembru ta' l-istess sena, il-Konsenja kollha nġabbret mill-maħżen ta' GSPG f'Timisoara ġewwa r-Rumanija, u ġiet transportata lejn l-Italja bit-triq permezz ta' trailer bin-numru AG03451. Hekk kif tindika l-kopja tad-dokument CMR, hawn annessa u markata Dok. TC2, il-piż tal-konsenja meta din inġabbret mir-Rumanija kien ta' elf sitt mija u sittin kilo (1,660kgs), fejn it-trailer kien siġillat permezz ta' plastic belt seal bin-numru 0054545.*

3. *Illi l-Konsenja wasslet l-Italja fl-għaxra (10) ta' Novembru ta' l-istess sena iżda l-imsemmi trailer li fih kienet maħżuna l-Konsenja ġie trasportat lejn Malta għaxart (10) ijiem wara, u ċioè fl-għoxrin (20) ta' Novembru ta' l-istess sena minn Genoa fl-Italja, bil-baħar abbord il-bastiment bl-isem ta' Maria Grazia Onorato, li wasal f'Malta fit-23 ta' Novembru ta' l-istess sena, u dan skont in-notice of arrival u l-fattura ta' Jet Freight, hawn annessi u markati Dok. TC3.*

4. *Illi, fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tal-istess sena, is-soċjetà Clayton Abela Logistics Limited ġabbret il-Konsenja mingħand Jet Freight u wasslet lill-istess Konsenja ġewwa l-maħżen ta' Top Choice, u dan skont il-fattura maħruġa minn Clayton Abela Logistics Limited, hawn annessa u markata Dok. TC4.*

5. *Illi ġara li, dak inhar stess, u ċioè fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tal-istess sena, hekk kif il-ħaddiema tas-soċjetà Clayton Abela Logistics Limited ikkonsenjaw il-Konsenja ġewwa l-maħżen ta' Top Choice, bdew iħottu l-pallets - li kienu kollha miksija b'pakkeġġjar iswed (shrink wrapping) - minn fuq it-trailer tagħhom għal gewwa l-istess maħzen. Sadanittant, wieħed mill-impjegati ta' Top Choice, li kien inkarigat li jmexxi l-pallets in kwistjoni mill-post fejn dawn kienu qiegħdin jinħattu sa' fejn kellhom jiġu ppustjati ġewwa l-istess maħżen permezz ta' palletizer, induna li kien hemm numru ta' pallets taħt l-ippakkeġġjar iswed. Dan l-impjegat għalhekk iddeċieda li jħott l-ewwel pallet li kien qandel sabiex jivverifika l-merkanzija ġewwa fiha u immedjatament induna li kien hemm il-vojt wara dan l-ippakkeġġjar iswed tant li, minflok l-apparat li kien ġie ordnat, kien hemm numru ta' pallets stivati fuq xulxin, bi ftit mill-merkanzija fuq l-ixkaffa ta' fuq.*

6. *Irriżulta li t-tieni pallet kienet l-istess bħal l-ewwel waħda u għalhekk l-impjegat minnufih informha lill-impjegati ta' Clayton Abela Logistics Limited b'dak li kien sab u sejjaħ għal Robert Tabone li ħa deċiżjoni li ma għandha tintmess ebda pallet oħra sakemm tiġi spezzjonata l-Konsenja fil-presenza tal-partijiet kollha kkonċernati. Ritratti tal-pallets in kwistjoni hekk kif inħaddtu ġewwa l-maħżen ta' Top Choice huma hawn annessi u markat Dok. TC5.*

7. *Illi Clayton Abela Logistics Limited kienu infurmati ukoll b'dak li kien ġara b'mod formali fl-istess jum u dan skont il-korrispondenza hawn annessa u markata Dok. TC6.*

8. *Illi aktar tard fl-istess jum, u cioè fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tal-istess sena, Top Choice infurmat lil GSPG dwar il-mod kif kienet wasslet il-Konsenja. Skont il-korrespondenza hawn annessa u mmarkata Dok. TC7, GSPG bagħtet numru ta' ritratti lil Top Choice li juru kif il-Konsenja kienet pakkeġġjata fil-maħżen tagħhom ġewwa r-Rumanija u stivata fuq l-imsemmi trailer, liema ritratti huma hawn annessi u markati Dok. TC8.*

9. *Illi, fl-istess jum ukoll, u ċioè fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tal-istess sena, Top Choice kitbet lil Jet Freight sabiex tinfurmaha b'dak li kien ġara u sabiex iżommha responsabbli għal merkanzija nieqsa mill-Konsenja, u dan skont il-korrispondenza hawn annessa u markata Dok. TC9. Sussegwentement,*

*permezz tal-korrispondenza hawn annessa u mmarkata Dok. TC10, Top Choice żammet ukoll lis-soċjetà Clayton Abela Logistics Limited responsabbli għan-nuqqas li kien instab f'tali Konsenja.*

10. *Illi, l-assikurat tas-soċjetà esponenti Robert Tabone, li kien kopert permezz ta' polza tal-assikurazzjoni tat-tip marine cargo bin-numru 683M7843270 mas-soċjetà esponenti, informha lill-istess li l-Konsenja kienet wasslet b'numru sostanzjali ta' merkanzija nieqsa. Is-soċjetà esponenti għalhekk inkarigat lis-surveyor Joe Buhagiar in rappresentanza tas-soċjetà H. Vassallo & Associates Limited sabiex tiġi spezzjonata l-Konsenja.*

11. *Illi sussegwentement, fl-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), saret l-ispezzjoni tal-Konsenja (fil-presenza tal-assikurat Robert Tabone u ta' surveyor inkarigat minn Jet Freight - Paul Ellul), fejn sar eżerċizzju ta' tallying tal-Konsenja kollha, u nstab li minn erbgħa mija ħamsa u sebgħin (475) appliance miġbura, kienu wasslu biss tlieta u ħamsin (53) minnhom, bil-valur ta' €4,106.10. Għalhekk b'kollox, il-valur tal-erbgħa mija tnejn u għoxrin (422) appliance li kienu niesqin ammontaw għal wieħed u għoxrin elf mitejn sitta u sebgħin ewro u tletin ċenteżmu (€21,276.30) u dan skont il-lista ta' appliances li kienu nstabu nieqsin, liema lista hija hawn annessa u mmarkata Dok. TC11.*

12. *Illi skont il-konklużjonijiet tas-surveyor Joe Buhagiar fir-rapport tiegħu li huwa hawn anness u mmarkat Dok. TC12, l-erbgħa mija tnejn u għoxrin (422) appliance nieqsin minn total ta' erbgħa mija ħamsa u sebgħin (475) appliance miġbura, kienu sfaw misruqa matul il-vjaġġ.*

13. *Illi, is-socjetà esponenti Elmo Insurance Limited, a tenur tal-imsemmija polza ta' assikurazzjoni maħruġa fir-rigward tal-assikurat tagħħa Robert Tabone, kif kienet obbligata tagħmel, indennizat lill-istess assikurat tagħha l-ammont komplessiv ta' wieħed u għoxrin elf mitejn sitta u sebghin ewro (€21,276) rappreżentanti l-valur tal-konsenja li kienet nieqsa. Għaldaqstant l-istess soċjetà Elmo Insurance Limited ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha, hekk kif inhu ndikat fis-subrogation form, hawn anness u mmarkat bħala Dok. TC13.*

14. *Illi, di più, in segwitu għal dan l-akkadut, is-soċjetà esponenti ġarrbet ukoll spejjeż anċillari ammontanti għal erba' mija ħamsa u disgħin ewro u sittin ċenteżmu (€495.60) rappresentanti spejjeż relatati mal-inkarigu tas-surveyor Joe Buhagiar, u dan skont il-fattura maħruġa mis-soċjetà H. Vassallo & Associates Limited, hawn annessa u markata Dok. TC14.*

15. *Illi għal dan inċident u għal konsegwenzjali danni subiti mis-soċjetà esponenti kienu jaħtu unikament is-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

U wara li hekk ippremettiet, is-soċjeta' attriċi talbet lil din il-Qorti:-

1. *Tiddikjara lis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, unikament responsabbli għad-danni subiti minnhom sussegwenti għall-ġarr tal-merkanzija kif hawn fuq deskritt.*

2. *Tikkundanna lis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, sabiex iħallsu lis-soċjetà esponenti s-somma komplessiva ta' wieħed u għoxrin elf sebgħa mija wieħed u sebgħin ewro u tletin ċenteżmu (€21,771.30) dovuti ai termini tat-talba preċedenti.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekorribbli mill-lum sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetajiet intimati li huma nġunti għas-subizzjoni.*

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta Jet Freight Limited** ippreżentata fl-10 ta' Jannar, 2022 permezz ta' liema eċċepixxiet:-

i. *Illi l-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tas-soċjeta' esponenti Jet Freight Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, l-istess soċjeta' esponenti mhijiex responsabbli għall-merkanzija nieqsa u li kellha tiġu kkunsinnjata lil Robert Tabone f'ismu proprju u eżerċjenti l-kummerċ bl-isem ta' 'Top Choice';*

ii. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, hemm diversi entitajiet oħrajn li kellhom sehem fil-ġarr jew fil-ħażna tal-merkanzija in kwistjoni, fosthom is-soċjeta' intimata l-oħra Clayton Abela Logistics Limited u, s-soċjetajiet esteri Thomas T.F.S Srl, Dasara Trasporti SpA u, Cargo Partner Expeditii S.R.L;*

*Għalhekk, f'dan is-sens jiġi rilevat li s-soċjeta' esponenti Jet Freight Limited ser tkun qiegħda tippreżenta rikors ai termini tal-Artikolu 961 ta' Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-kjamata fil-kawża tas-soċjetajiet esteri Thomas T.F.S. Srl, Dasara Trasporti SpA, u Cargo Partner Expeditii srl;*

iii. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, is-soċjeta' esponenti Jet Freight Limited għandha tiġi liberata minn kull responsabbilita' ai termini tal-Artikolu 17(2) tal-'Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road (CMR), signed in Geneve on the 19th May, 1956 as amended by the CMR Protocol of Geneva signed on the 5th July, 1978' ("CMR Convention"), li ġiet inkorporata taħt il-liġijiet ta' Malta permezz tal-International Carriage of Goods by Road Act (Kap 486 tal-Liġijiet ta' Malta);*

iv. *Illi konsegwentement, is-soċjeta' esponenti Jet Freight Limited mhix dovuta tħallas l-ebda ammont lis-soċjeta' rikorrenti;*

v. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, jekk dato ma non concesso, ir-responsabbilita' tas-soċjeta' esponenti Jet Freight hija semmai limitata ai termini tal-Artikolu 23 tas-CMR Convention u għalhekk, l-ammont mitlub huwa legalment in eċċess;*

vi. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi;*

Rat illi s-soċjeta konvenuta Clayton Abela Logistics Limited ma ressqitx risposta minkejja li kienet notifikata, u għalhekk kienet kontumaċi f'din il-kawża[1].

Rat id-digriet tal-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef datat 13 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu assenja din il-kawża biex tinstema' u tkun deċiża minn din il-Qorti kif preseduta.[2]

Semgħet il-provi u s-sottomissjonijiet orali tal-partijiet. sottomissjonijiet bil-miktub.

Rat l-atti proċeswali inkluż in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat

## IL-PROVI

Illi din hi kawża li tittratta għajbien ta' merkanzija ta' appliances domestiċi waqt it-trasport tagħha mill-Ewropa għal Malta. Il-kumpanija attriċi ħallset lis-sid il-merkanzija s-somma ta' kemm swiet din il-merkanzija u bdiet dawn il-proċeduri biex tirkupra din is-somma.

Illi rriżulta mill-provi li Robert Tabone f'isem id-ditta Top Choice inkariga lill-konvenuta Jet Freight biex f'Novembru 2020 ġġorr u tikkonsenja erba' mija ħamsa u sebgħin (475) appliance domestiku bil-valur ta' ħamsa u għoxrin elf tliet mija tnejn u tmenin euro u erbgħin ċenteżmu (€25,382.40) minn maħżen tas-soċjeta' Ingliża Global Purchasing and Sourcing Group fir-Rumanija għal Malta, u dan kif jidher mill-fattura.[3] Dawn l-appliances kienu ppakkjati f'sitt pallets. Il-konvenuta Jet Freight qabbdet kuntrattur ieħor, Thomas TFS Srl biex iġorr il-merkanzija mir-Rumanija sal-maħżen ta' Thomas TFS ġo Bologna. Min-naħa tagħhom, Thomas TFS qabbdu lil ħaddieħor, sakemm imbagħad tqabbdu Transcoop, li fil-fatt ġarrew il-merkanzija mir-Rumanija sa Bologna. Dan it-tip ta' subcontracting hu normali għall-ġarr ta' merkanzija internazzjonali bit-triq.

Illi rriżulta li fis-7 ta' Novembru 2020 din il-konsenja nġabret minn dan il-maħżen f'Timisoara r-Rumanija u nġarret lejn l-Italja bit-triq bi trailer numru AG03451. Dakinhar il-piż tal-merkanzija kien elf sitt mija u sittin kilo (1660 kg), u s-siġill tat-trailer kellu n-numru 0054545. F'dan il-mument kien iffirmat id-dokument CMR li hu dokument mitlub mill-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt għall-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (CMR), u kien esebit fl-atti bħala Dok TC 2.[4] Imbagħad fl-10 ta' Novembru l-merkanzija waslet Bologna f'maħżen

[1] Ref fol 104
[2] Fol 218
[3] Fol 9 u fol 69 immarkat Dok TC 1
[4] Fol 10 u 11

ta' Thomas TFS. Hawnhekk il-merkanzija tgħabbiet ma' merkanzija oħra fi groupage trailer. It-trailer imbagħad inġarr lejn il-port ta' Genoa u telaq lejn Malta fl-20 ta' Novembru bil-baħar, abbord il-bastiment *Maria Grazia Onorato*. Il-merkanzija waslet Malta fit-23 ta' Novembru, kif jidher fin-notice of arrival u fattura relevanti.[5] In-notice of arrival turi li Top Choice qabbad lill-konvenuta Jet Freight biex iġġorr din il-merkanzija mir-Rumanija sal-bond ta' Jet Freight Ħal Far. Fil-fatt, it-trailer tniżżel mill-vapur u ttieħed fil-bond ta' Jet Freight fil-kumpless tad-Dwana ta' Ħal Far u nħatt. Fis-27 ta' Novembru s-soċjeta' Clayton Abela Logistics ġabret din il-konsenja ta' sitt pallets mingħand Jet Freight u ħaditha l-maħżen ta' Top Choice kif jidher mill-fattura.[6]

Illi dakinhar stess, ix-xogħol beda jinħatt mill-ħaddiema ta' Top Choice minn fuq it-trailer. Kollox kien miksi pakeġġar iswed (shrink wrapping). L-istore keeper ta' Top Choice, Ibrahim Shah,[7] beda jmexxi l-merkanzija għal postha fil-maħżen permezz ta' palletizer u nduna li kien hemm xiħaġa stramba. Taqqab il-plastic iswed u ra li kien hemm iktar minn pallet wieħed taħt l-ippakeġġjar iswed, meta suppost kien hemm wieħed biss, fil-qiegħ, taħt il-kaxxi. Ħatt l-ewwel pallet u sab li minflok l-apparat ordnat, kien hemm numru ta' pallets stivati fuq xulxin u ftit merkanzija fuqhom. It-tieni pallet kien l-istess. Dak il-ħin issejjaħ rappreżentant ta' Clayton Abela Logistics u Robert Tabone ta' Top Choice. Robert Tabone mbagħad ordna li l-ħatt isir fil-preżenza ta' kull min kien konċernat.[8]

Illi **fix-xhieda tagħha, Klara O'Berg**, junior accountant ta' Top Choice[9], spjegat li meta Robert Tabone infurmaha b'dan il-każ ta' merkanzija nieqsa, hi kkorrispondiet ma' Clayton Abela Logistics[10] u mas-supplier, il-kumpanija Global Purchasing and Sourcing Group.[11] Is-supplier bagħtilha ritratti ta' kif il-konsenja kienet ppakkeġġata fir-Rumanija u stivata fuq it-truck.[12] Ix-xhud qalet li mbagħad infurmat lil Jet Freight u żammitha responsabbli u dan b'korrispondenza[13] u kitbet ukoll lil Clayton Abela Logistics b'korrispondenza u żammithom responsabbli wkoll, f'isem Top Choice.[14]

Illi kienu nfurmati wkoll il-kumpaniji tal-assigurazzjoni tad-diversi kumpaniji involuti u dawn qabbdu surveyor differenti kull wieħed. Imbagħad sar **joint survey** bil-partijiet kollha mistiedna jattendu. Dan il-joint survey sar fl-1 ta' Diċembru 2020 u bi qbil bejn kulħadd, instab li minn erba' mija ħamsa u sebgħin (475) appliance, waslu biss tlieta u ħamsin (53), bil-valur ta' erbat elef mija u sitt

[5] Fol 12 immarkata Dok TC 3
[6] Fol 14 immarkata Dok TC 4
[7] Ara affidavit tiegħu a fol 110
[8] Fol 15 sa fol 23, ritratti mmarkati Dok TC 5
[9] Fol 112
[10] Fol 24 immarkat Dok TC 6
[11] Fol 26 immarkat Dok TC 7
[12] Fol 27 sa fol 29 immarkat Dok TC 8
[13] Fol 32 u fol 77 TC 9
[14] Fol 32 TC 10

euro u għaxar ċenteżmi (€4106.10). Kien hemm nieqes għalhekk erba' mija tnejn u għoxrin (422) appliance għall-valur ta' wieħed u għoxrin elf mitejn sitta u sebgħin euro u tletin ċenteżmu (€21,276.30)[15] [16]. L-attriċi ħallset din is-somma lill-assikurat tagħha Robert Tabone f'isem Top Choice u ġiet surrogata għal dan l-ammont skont surroga annessa,[17] dejjem skont polza ta' assikurazzjoni numru 683M7843270. L-attriċi ħallset ukoll l-ispejjeż tas-surveyor li ammontaw għal erba' mija ħamsa u disgħin euro u sittin ċenteżmu (€495.60)[18].

Illi wara l-joint survey, saru tliet survey reports, minn:

- Philip Grima (għall-assikurazzjoni ta' Thomas TFS Srl)
- Paul Ellul għall-assikurazzjoni ta' Jet Freight (Argus)[19]
- Joe Buhagiar (minn H. Vassallo and Associates) għall-attriċi, li hi l-assikurazzjoni ta' Top Choice.

Ilkoll qablu li t-telf li ġarrbet Top Choice kien ta' wieħed u għoxrin elf mitejn sitta u sebgħin euro u tletin ċenteżmu (€21,276.30).[20] Paul Ellul għall-assikurazzjoni ta' Jet Freight Argus[21] fir-rapport tiegħu qal li l-contractual freight forwarders kienu Jet Freight. Qal li ma kellux informazzjoni dwar jekk il-pallets ġewx ippakkjati mingħand is-supplier, jew kinux immuntati f'pallets fil-maħżen ta' Cargo Partners fir-Rumanija. Pero' qal li l-kuntratt ta' ġarr ta' Jet Freight beda mill-ġbir tal-merkanzija mill-maħżen ta' Cargo Partners fir-Rumanija.

Illi **fl-affidavit tiegħu, Robert Tabone**, sid il-kumpanija Top Choice,[22] ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Ikkonferma li l-ordni oriġinali tal-appliances kienet ta' ħamsa u għoxrin elf tliet mija tnejn u tmenin euro u erbgħin ċenteżmu (€25,382.40) u li meta sar tallying tal-merkanzija li fil-fatt waslet għandu, kien sab nieqes merkanzija fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf mitejn sitta u sebgħin euro u tletin ċenteżmu (€21,276.30). Ikkonferma wkoll li hu, f'isem Top Choice, rċieva din is-somma mingħand il-kumpanija tal-assigurazzjoni tiegħu Elmo Insurance u ffirma Discharge and Subrogation Form.[23]

Illi **fix-xhieda tiegħu, Ilker Ozhan**, General Manager tal-kumpanija Global Purchasing and Sourcing Group (GPSG)[24] qal li huma bħala supplier ta' din il-merkanzija in kwistjoni, kitbu lil Top Choice fis-27 ta' Novembru 2020,[25] permezz ta' email li bagħat hu stess. Fl-email qal li dan kien każ ta' serq għax hu għandu esperjenza ta' madwar ħamsa u għoxrin sena f'dan in-negozju u jimporta u jesporta din it-tip ta' mekanzija lil ħafna pajjiżi u ħafna kumpaniji. Qal li hu

[15] Fol 33 immarkat Dok TC 11
[16] Survey report Dok TC 12 a fol 34 sa fol 44 u kopja oħra tiegħu tinsab a fol 129 sa fol 169
[17] Fol 45 immarkat Dok TC 13
[18] Fol 46 immarkat Dok TC 14
[19] Fol 58
[20] Fol 34
[21] Fol 58
[22] Fol 114
[23] Fol 45
[24] Fol 171
[25] Fol 26

jagħraf is-sinjali ta' meta jkun hemm ħsara fil-merkanzija, bħal meta jkun hemm serq, meta tintilef merkanzija waqt it-trasport jew tintilef waqt li tkun qed titgħabba jew tinħatt. Qal li fil-maħżen tagħhom, il-merkanzija hi ppreparata f'post fejn tidher fil-camera. Qal li huma jaħdmu biss ma' kumpaniji li jkunu ilhom stabbiliti u li jkunu multinazzjonali. Qal li kienu ilhom jaħdmu mal-kumpanija Awstrijaka xi ħames snin u din taħdem f'madwar ħamsa u għoxrin pajjiż u hu ċert li kollox sar sew fil-maħżen tagħhom. Qal li jieħdu ritratti tal-merkanzija ppreparata, u anke ritratti tal-merkanzija f'pallets mgħobbija fuq it-truck u jibagħtuhom lil min hu konċernat. Qal li mbagħad is-sewwieq tat-truck jiffirmalhom packing list tagħhom, li turi eżatt x'tgħabba, u ladarba dan ix-xogħol kien ex works, timtela CMR form u s-sewwieq jieħu responsabilita' tal-merkanzija skont CMR Convention. Is-sewwieq jagħtihom ukoll kopja tal-ID tiegħu u kollox ikun fis-sistema tagħhom. Għalhekk jekk jiġri xiħaġa, huma jkollhom id-dettalji kollha. Qal li kif ra r-ritratti li bagħtet Klara O'Berg minn Top Choice, mill-ewwel induna li dawn il-pallets kienu żżarmaw u ntramaw mill-ġdid u ppruvaw jagħmluhom l-istess bħal kif kienu ppakkjati fil-maħżen. Qal li ppruvaw jimitaw il-forma tal-merkanzija fuq il-pallet u anke l-għoli tagħha. Qal li nnota numru ta' differenzi bejn il-mod kif ippakkjaw huma u l-mod kif min seraq il-merkanzija reġa' ppakkja l-pallets, meta wieħed iqabbel ir-ritratti. Qal li ilu jagħmel negozju ma' Top Choice f'Malta għal madwar għaxar snin u jaf lis-sid, Robert Tabone. Qal li għamlu madwar mitt ordni ta' appliances f'dawn is-snin. Qal li ltaqa' personalment xi għaxar darbiet ma' Robert Tabone u jaf li huma nies onesti. Qal li huma stess, Global Purchasing, huma wkoll nies onesti u ilhom għaddejjin f'dan in-negozju mill-2008 u għandhom madwar mitt klijent f'madwar tletin pajjiż u jirrispettaw lill-klijenti u lis-supplier. Għalhekk kien ċert mija fil-mija li din il-merkanzija nsterqet waqt it-trasport.

Illi kienet esebita wkoll il-korrispondenza bejn Top Choice u l-konvenuta Jet Freight[26] li seħħet qabel beda dan il-ġarr, fejn intalbet u ngħatat stima tal-prezz għall-ġarr tal-merkanzija minn Jet Freight, u fejn sar il-qbil li dan is-servizz se jingħata, sar qbil dwar il-prezz u dwar id-dati meta kienet se tinġabar il-merkanzija.

Illi mix-xhieda rriżulta li dan il-ġarr kien maqsum hekk:

- Il-kuntratt prinċipali hu bejn Top Choice u Jet Freight it-trasportatur, biex jinġarru sitt pallets merkanzija mir-Rumanija għal Malta.

- Mingħand il-konsenjatur il-merkanzija nġarret minn Cargo Partners Expeditii għal Timisoara Depot fir-Rumanija (depot li ta' Cargo Partners Expeditii).[27] Din il-parti tal-vjaġġ mhix relevanti għal din il-kawża.

[26] Fol 192 sa fol 201
[27] Fol 58 u ara wkoll il-polza ta' assigurazzjoni ta' Jet Freight Limited a fol 79 sa fol 83; ara wkoll survey Dok JF 1 tal-insurance ta' Jet Freight (Argus Insurance)

- Mid-Depot ta' Cargo Partner Expeditii f'Timisoara Romania sal-maħżen ta' Thomas TFS Srl f'Bologna. Għal din il-parti Jet Freight qabbdu lil Thomas TFS (subcontractor) li da parti tagħhom qabbdu lil Tirex S.r.o[28]; dawn qabbdu lil Ahead Logistics[29] u dawn qabbdu lil Transcoop White Truck u kienu dawn (Transcoop White Truck) li fil-fatt ġarrew il-merkanzija mir-Rumanija sa Bologna. Fil-maħżen ta' Bologna mbagħad, il-merkanzija nħattet minn fuq it-truck u tgħabbiet fuq trailer bħala groupage cargo.

- Mill-maħżen ta' Thomas TFS f'Bologna sal-port ta' Genoa, Jet Freight qabbad lil Dasara Trasporti[30] li wasslu l-groupage trailer mimli sal-port, u mbagħad tgħabba fuq il-bastiment.

- Mill-port ta' Malta sal-maħżen ta' Jet Freight; it-trailer tniżżel mill-bastiment minn Dasara Trasporti u ħaduh fil-maħżen ta' Jet Freight Ħal Far. Hemmhekk it-trailer inħatt.

- Mill-maħżen ta' Jet Freight f'Ħal Far sal-maħżen ta' Top Choice; il-merkanzija nġarret minn Clayton Abela Logistics.

Illi l-merkanzija inġabret fit-3 ta' Novembru 2020 mingħand Cargo Partners Expeditii skont CMR Consignment Note kif ġa ingħad, u tgħabbiet fuq truck trailer No FP967WB/XA 992GJ li kien issiġillat b'Seal No 00054545. Fil-korrispondenza ma' Top Choice wara l-inċident, Thomas TFS qalu li fid-depot tagħhom Bologna t-truck wasal fis-7 ta' Novembru 2020 pero kien truck differenti minn dak li fuqu telqet il-merkanzija, u l-merkanzija ma kellhiex siġill. Fid-depot f'Bologna, poġġew il-merkanzija ħdejn l-uffiċċju fejn setgħu jarawha imma ma kienx hemm CCTV. Dan il-maħżen qiegħed f'secure Customs area li għalih tista' tidħol biss b'permess. Minn hemm, il-pallets tgħabbew fuq Trailer No AG03451 bħala groupage cargo, li telaq minn hemm fl-20 ta' Novembru 2020 fir-responsabilta' ta' Dasara Trasport sal-port ta' Genova. U l-istess trailer mbagħad tgħabba fuq il-vapur u wasal Malta fit-23 ta' Novembru 2020. Dakinhar tniżżel mill-vapur u mar għand Jet Freight Bonded Warehouse f'Ħal Far u nħattet il-merkanzija. Fis-27 ta' Novembru il-pallets ittieħdu għand Top Choice Ħal Qormi[31] u ma kienx hemm kummenti negattivi fuq delivery order no 039392.[32] Is-sitt pallets kienu miksija bi plastic iswed u kienu bla marki u l-plastic kien intatt u ma kienx imqatta'. Dan il-plastic iswed hu l-mod kif dan it-tip ta' merkanzija normalment tkun imgeżwra. Jidher li għand Jet Freight f'Ħal Far, il-

[28] Fol 76
[29] L-involviment ta' Ahead Logistics mhux ċar kif kien.
[30] Magħruf ukoll bħala Corriere Dasara; Jet Freight kienu responsabbli għal din il-kumpanija
[31] Il-ġarr sar minn Clayton Abela Logistics skont Delivery note a fol 73
[32] Fol 103

pallets waslu intatti u bis-siġill mhux mimsus. Jirriżulta wkoll li Jet Freight tħallsu għax-xogħol tagħhom skont il-fattura relevanti.[33]

Illi **fir-rapport tiegħu, is-surveyor Paul Ellul**[34] ikkonkluda li jidher li min seraq l-appliances kellu l-apparat u l-ħin biex għamel din is-serqa, fejn ħa erba' mija tnejn u għoxrin (422) appliance u minflokhom kebbeb il-pallets bi plastic iswed kif soltu jitgeżwru dawn l-appliances. U allura probabbli dan kollu sar ġo xi maħżen. Fuq il-pallets instabu wkoll xi kaxxi vojta, li rriżulta li kienu ta' klijenti ta' Transcoop White Truck li fil-fatt ġarrew il-merkanzija. Il-merkanzija, trasportata minn Transcoop, waslet f'Bologna fi truck differenti u mingħajr siġill. Għalhekk is-surveyor ikkonkluda li jew Transcoop huma responsabbli għas-serqa jew inkella s-serqa twettqet waqt li l-merkanzija kienet fil-maħżen ta' Cargo Partner, forsi bl-għajnuna tal-ħaddiema ta' Transcoop, qabel beda l-vjaġġ. Is-surveyor qal li huma Jet Freight li huma responsabbli bħala contractual carrier minn xħin inġabret il-merkanzija mir-Rumanija sa xħin waslet għand Top Choice, u dan peress li l-ġarr sar ex works.[35] Is-surveyor jikkonkludi għalhekk li Jet Freight għandhom dritt ifittxu lis-sub contractors tagħhom.

Illi **fix-xhieda tiegħu Joseph Buhagiar**,[36] qal li qabel irtira kien impjegat bħala cargo surveyor ma' H. Vassallo and Associates għal ħamsa u tletin sena. Qal li għamel ir-rapport a fol 34 tal-atti għax kien inkarigat mill-attriċi Elmo Insurance. Qal li dan kien joint survey, jiġifieri kien hemm żewġ surveyors għal partijiet opposti, hu u Paul Ellul, surveyor tal-konvenuta Jet Freight, u raw l-affarijiet flimkien. Qal li meta daħal, ra l-pallets imgeżwrin bi plastic iswed (shrink wrapping) imma li kien imċarrat, u taħtu kien hemm numru ta' pallets fuq xulxin u xi wħud minnhom, fuq nett, kellhom xi appliances żgħar fuqhom. Qal li normalment, pallet mgħobbi bil-merkanzija jkun għoli xi metru u nofs, u dawn hekk kienu wkoll, imma flok merkanzija, kien hemm pallet vojta fuq oħra. Qal li kkonkluda li kien hemm erba' mija tnejn u għoxrin kaxxa neqsin u dan meta qabblu il-kaxxi li waslu, mal-oġġetti mniżżla fuq il-manifest u fuq l-invoice. Qal li Top Choice infurmawh li huma jkunu jridu li l-merkanzija tkun imgeżwra bi plastic iswed, u din il-merkanzija hekk kienet ukoll. Mistoqsi mill-Qorti jafx kemm telgħu kaxxi ta' din il-merkanzija fil-groupage trailer li ġiet fih fuq il-vapur, qal li hu ma jafx imma Paul Ellul ikun jaf. Qal li wasal għall-konklużjoni li l-merkanzija nieqsa kienet misruqa għax meta ħafna mill-merkanzija tkun nieqsa, dan ifisser li xiħadd ikun messha fit-traġitt lejn Malta. Qal li fir-ritratti jidher li xi pallets minnhom kellhom il-plastic trasparenti, bit-tikketti ta' parti mill-ordni ta' appliances li fil-fatt għamlet Top Choice, imwaħħal miegħu, u dan il-plastic trasparenti jidher imdeffes bejn il-pallets. Hemm ukoll ritratt li juri fejn għamlu qisha ħofra biex jaraw x'fih il-pallet. Spjega li groupage cargo, kif kienet din il-merkanzija, jfisser li l-merkanzija tasal mgħobbija ma' merkanzija ta'

[33] Fol 72
[34] Fil-frattemp, bejn ir-rapport u ż-żmien li fih ittellgħu ix-xhieda, is-surveyor Paul Ellul miet.
[35] Ċioe l-bejjiegħ ilesti l-merkanzija f'post u mbagħad ikun ix-xerrej li jħallas għat-trasport minn dak il-post sal-maħżen tiegħu.
[36] Fol 178

ħaddieħor, fi trailer wieħed. Qal li fir-rapport hemm l-informazzjoni kollha li talab u rċieva. Ma vverifikax jekk il-maħżen tar-Rumanija kienx tas-supplier jew kienx mikri per eżempju. Qal li l-merkanzija tintiżen qabel titgħabba, u l-piż jidher b'mod uffiċjali fuq id-dokument CMR.

Illi **fix-xhieda tiegħu Philip Grima**, engineer u surveyor,[37] qal li hu jaħdem għal rasu. Qal li kien inkarigat minn Contec Marine Srl biex jattendi għal dan is-survey. Qal li l-partijiet involuti kienu Tirex, Ahead Logistics, Transcoop White Trucks, Corriera Dasara, Coperattiva Facchini Portabagagli, Jet Freight u Top Choice. Qal li jidher li l-merkanzija telqet mir-Rumanija fi trailer, waslet l-Italja, damet xi ġranet hemm u mbagħad ġiet Malta. Qal li sar joint survey u li għalih attendew Paul Ellul għal Corriera Dasara, Joseph Cremona ta' Jet Freight, warehouse manager ta' Top Choice u Robert Tabone ta' Top Choice. Qal li meta wasal hu għal dan is-survey, kienu diġa fetħu l-pallets u fihom kien hemm pallets vojta fuq xulxin imgeżwra bi plastic iswed, biex taparsi hi l-merkanzija. Esebixxa r-rapport tiegħu.[38] Minn dan ir-rapport jidher li Cooperativa Facchini Portabagagli (jiġifieri dawk responsabbli mill-maħżen ta' Bologna) insistew li l-merkanzija waslet għandhom fis-6 ta' Novembru 2020 minn Transcoop White Trucks fi truck differenti mit-truck li telqet fih, u l-merkanzija ma kellhiex siġill. Dan hu kuntrarju għal dak li nforma r-rappreżentant ta' Ahead Logistics, li qal li s-sewwieq tagħhom ma tħalliex jieħu sehem fit-tagħbija tal-merkanzija fir-Rumanija. Ahead Logistics bagħtu VDO reads tat-truck in kwistjoni.[39] Fir-rapport is-surveyor qal li jidher li dawn ir-reads juru li t-truck in kwistjoni kien l-Italja fil-jiem tal-4, 5 u 6 ta' Novembru 2020 meta l-cargo tracker juri li t-truck beda mir-Rumanija, mar l-Ungerija, Slovenja u l-Italja. Qal li rriżulta li l-merkanzija kellha tasal Bologna fl-10 ta' Novembru 2020 pero' waslet hemm fis-6 ta' Novembru 2020. Il-kaxxi vojta li nstabu fuq il-pellets aktarx huma ta' klijenti ta' Transcoop White Trucks. Il-groupage cargo minn Bologna sa Malta ma jidhirx li ntmess. Għalhekk ikkonkluda li jrid isir iktar investigazzjoni dwar x'ġara mill-merkanzija bejn xħin telqet mill-maħżen ir-Rumanija sakemm waslet fil-maħżen f'Bologna.

Illi kienu esebiti diversi ritratti. Uħud juru l-pallets bil-plastic iswed imqatta' u taħtu jidhru numru ta' pallets vojta fuq xulxin[40]. Imbagħad fuq nett tal-munzell hemm ftit kaxxi tal-appliances. F'ritratt minnhom,[41] jidher anke plastic trasparenti bejn il-pallets[42] u ma' dan il-plastic hemm imwaħħla karta bl-ordni tal-appliances li għamel Top Choice.[43] F'uħud mir-ritratti jidhru wkoll kaxxi

[37] Fol 272
[38] Fol 277
[39] Fol 280
[40] Fol 84 sa fol 102
[41] Fol 93, ritratt numru 18
[42] Fol 99
[43] Ara wkoll ritratt numru 19 a fol 94

vojta b'ismijiet stampati fuqhom.[44] Instabu wkoll xi dokumenti tal-ġarr imma mhux ta' din il-merkanzija.

Illi **fix-xhieda tiegħu Joseph Mangion** senior supervisor ma' Elmo Insurance[45] kkonferma li l-assigurat tagħhom hu Robert Tabone eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' Top Choice. Hu esebixxa ċertifikat tal-assigurazzjoni[46] li jirrigwarda l-konsenja li kien hemm in-nuqqasijiet fiha, li hi mniżżla t-tielet waħda fuq dak id-dokument u hi assigurata għas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf tliet mija tnejn u tmenin euro (€25,382). Qal li kif kienu nfurmati b'dawn in-nuqqasijiet, qabbdu bħala surveyor lil Joseph Buhagiar minn H. Vassallo and Associates u pprepara survey report.[47] Ikkonferma li dan is-survey ħallset għalih l-attriċi.[48] Imbagħad a bażi tas-survey, l-attriċi ħallset lil Robert Tabone f'isem Top Choice u dan iffirma discharge form.[49] Imbagħad fetħet din il-kawża.

Illi **fix-xhieda tiegħu Alvin Gatt**, CEO tal-konvenuta Jet Freight[50] qal li xogħol Jet Freight hu freight forwarding u international logistics. Dan ifisser li klijenti Maltin meta jimportaw xi merkanzija, iqabbdu lil Jet Freight tittrasportalhom ix-xogħol mingħand is-supplier sa Malta. Ikkonferma li Top Choice hu klijent tagħhom. Top Choice qabbdet lill-konvenuta Jet Freight iġġibilha merkanzija mir-Rumanija lejn Malta. Is-supplier ta' Top Choice ma kienx iżomm il-merkanzija fil-maħżen tiegħu stess, imma kien iqabbad logistics company fir-Rumanija bl-isem Cargo Partner, u kien juża l-maħżen tagħha. Jet Freight kienet qabbdet lil Thomas TFS Srl biex tiġbor il-merkanzija mill-maħżen ta' Cargo Partner u jġorruh sa Bologna. Thomas TFS setgħet tqabbad kuntratturi oħra, pero' l-konvenut Jet Freight ma jkollux kontroll fuq dan. Qal li ma jafx min fil-fatt ġabar il-merkanzija pero' huma dejjem jiġbru l-merkanzija CMR[51], u anke f'dan il-każ ġara l-istess. Qal li CMR ifisser li Top Choice talbuhom iġorru sitt pallets u diment li jkunu ssiġillati kif suppost, hu ma jivverifikax il-kontenut. Qal li hu normali ħafna li dan ix-xogħol jinħadem b'diversi subcontracts. Qal li kien hemm trasportatur, ċertu Zahra, li kellu jmur bi trailer vojt għand Thomas TFS Srl, dawn jimlewh bil-merkanzija u dan iġib it-trailer Malta bil-vapur. Imbagħad it-trailer jinżel il-port u jtellgħu fil-maħżen ta' Jet Freight f'Ħal Far li qiegħed f'customs bonded warehouse. Hemmhekk jinħatt it-trailer u ssir verifika tax-xogħol. L-impjegati ta' Jet Freight jaraw li waslu sitt pallets u li huma fi stat tajjeb. Kulma joħroġ minn Ħal Far hu suġġett għall-iskrutinju tad-Dwana. Spjega li pallet ma tkunx fi stat tajjeb meta ma tkunx issiġillata, jew meta jkun miftuħ il-plastic jew affarijiet simili, u hemm jagħmlu nota għax ikun hemm problema. Dawn il-pallets kienu fi stat tajjeb. Imbagħad ġie xiħadd imqabbad minn Top Choice, Clayton

---

[44] Fol 96 sa fol 98
[45] Fol 117
[46] Dok JM 1 a fol 124 li hi l-polza numru 683M7843270
[47] Fol 34
[48] Ara fol 46 u Dok JM2 a fol 125
[49] Ara Dok TC 13 u Dok JM 3 a fol 127
[50] Fol 231
[51] Regoli dwar trasport internazzjonali ta' merkanzija skont Trattat ta' Ġinevra 1956

Abela, li ffirma li ħa l-pallets u li kienu jidhru tajbin u ħadhom għand Top Choice. Dan iffirma li l-pallets kienu in good order and condition.[52] Jekk ikun hemm xi problema fil-merkanzija, titniżżel hemmhekk. Ix-xhud qal li fil-maħżen tagħhom hemm il-cameras, ġewwa u barra, u apparti dan, hemm il-gate li fiha jkun hemm l-uffiċjali tad-Dwana.

Illi **xehed Riccardo Sgargi** rappreżentant ta' Thomas TFS Srl[53]u qal li huma shipping forwarding company fl-Italja. Qal li huma aġenti ta' Top Choice u jiġbrulhom merkanzija mill-Italja, jgħabbuha fuq truck fil-maħżen tagħhom u jġibuha Malta. Qal li kienu Jet Freight li qabbduhom jagħmlu dan. Imbagħad Thomas TFS Srl qabbdu lil Tirex biex jiġbor il-merkanzija mill-maħżen fir-Rumanija u jġibha Bologna. Imbagħad qal li sar jaf iktar tard li kien hemm pallets minflok electrical goods f'din il-merkanzija. Qal li mbagħad ivverifika d-dokumenti imma ma sab xejn. Qal li għalihom, diment li l-merkanzija kienet intatta meta nġabret mir-Rumanija u kienet intatta meta waslet għandhom fil-maħżen tagħhom f'Bologna, allura kollox kien tajjeb, u m'għandhomx poter jiftħu l-merkanzija. Qal li huma kellmuha lill-insurance imma f'dan il-każ il-problema ma kinitx tidher minn barra tal-pallets u ma setgħux jarawha. Qal li se jkellem lil insurance biex jara jekk Philip Grima għamilx rapport ta' surveyor. Qal li l-istruzzjonijiet tagħhom dejjem irċevewhom mingħand Jet Freight u li ma kellhom ebda rabta ma' Top Choice, għax dan il-ġarr kien ex works terms.

Illi **fix-xhieda tiegħu Joshua Abeiro** qal li hu Claims Manager ta' Argus Insurance. Qal li l-klijent tagħhom hu Jet Freight u għandu transport liability policy. Qal li meta rċevew l-informazzjoni dwar dan l-inċident, huma qabbdu lil Paul Ellul biex jagħmel survey tal-merkanzija u jagħmel rapport.[54] Fil-frattemp Paul Ellul miet. Qal li jaf li sar survey ieħor minn surveyor Philip Grima, imqabbad mill-assigurazzjoni ta' Thomas TFS Srl u esebixxa email li tikkonferma dan.[55]

## KUNSIDERAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

Illi m'hemmx kontestazzjoni mill-ebda parti, u anke rriżulta ppruvat, li:

- Top Choice għamlet ordni ta' appliances domestiċi u qabbdet lil Jet Freight biex tittrasportahom minn maħżen fir-Rumanija sa Malta.
- Dan il-kuntratt kien CMR u kien ex works u allura japplika għalih Kap 486 tal-Liġijiet. Kienet iffirmata consignment note[56].

[52] Ara fol 103, iffirmat minn Clayton Abela
[53] Fol 244
[54] Ara fol 58
[55] Fol 255
[56] Fol 71, skont artiklu 4 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra

- Il-merkanzija kienet tikkonsisti f'sitt pallets.
- Il-merkanzija inġarret mill-maħżen ta' Cargo Partner sal-maħżen ta' Thomas TFS Srl f'Bologna minn Transcoop White Truck.
- Minn Bologna, l-merkanzija ingħaqdet ma' merkanzija oħra fi groupage trailer u ttieħdet sal-port ta' Genoa u ttellgħet fuq il-vapur minn Dasara Trasporti.
- X'ħin waslet Malta, l-merkanzija ttieħdet fil-maħżen ta' Jet Freight f'Ħal Far.
- Clayton Abela Logistics Limited ħa l-merkanzija minn Ħal Far sal-maħżen ta' Top Choice f'Ħal Qormi.
- Instabu neqsin erba' mija tnejn u għoxrin (422) appliance.
- Irriżulta wkoll ippruvat li l-attriċi ħallset lil Top Choice is-somma ta' wieħed u għoxrin elf mitejn sitta u sebgħin euro u tletin ċenteżmu (€21,276.30).

Illi mill-provi prodotti rriżulta li ukoll li l-merkanzija telqet mill-maħżen tar-Rumanija intatta, imgeżwra fi plastic trasparenti u mgħotti bi plastic iswed, u ssiġillata b'siġill. Mir-Rumanija l-merkanzija waslet fil-maħżen ta' Bologna, f'trukk differenti minn dak li kienet telqet fih u mingħajr siġilli. Jirriżulta li fil-maħżen ta' Bolgna il-merkanzija tpoġġiet fil-groupage container li ttieħed Genoa u tgħabba fuq vapur għall-vjaġġ bil-baħar lejn Malta. Mill-provi juirriżulta ukoll li meta ġiet spezzjonata il-merkanzija f'Malta nstab li ħafna mill-appliances kienu ttieħdu u minflokhom tpoġġew pallets fuq xulxin, u reġa' kien ippakkjat kollox u mgeżwer fi plastic iswed biex minn barra jidher kif kien meta telaq mill-maħżen ir-Rumanija. Irriżulta wkoll li fil-pallets instabu  tliet kaxxi vojta li ma kinux ta' kumpaniji Maltin. Fuq dawn il-kaxxi vojta kien hemm imwaħħlin labels u fuqhom kien hemm imniżżlin bħala consignee ta' dik il-kaxxa partikolari, 'Pensarecasa Srl – Destination Voghera, Italy' u fuq kaxxa oħra kien hemm stampat 'Barazza'. Dawn il-kaxxi jidher li huma ta' klijenti ta' Transcoop White Truck.[57] Instab ukoll xi plastic trasparenti mqatta' bejn il-pallets u fuq il-plastic kien hemm stickers bl-appliances oriġinarjament ordnati minn Top Choice.[58]

Illi f'dan il-kwadru ta' fatti l-Qorti hija konvinta li l-merkanzija ġiet nieqsa f'dak il-parti tal-vjaġġ mir-Rumanija sa Bologna.

Ikkunsidrat

Illi dan stabbilit il-Qorti trid tiddetermina min hu responsabbli għal dan it-telf.

Illi kien stabbilit li l-kuntratt oriġinali kien bejn Top Choice u Jet Freight u dan kien kuntratt ta' trasport internazzjonali bit-triq CMR, kif regolat bil-Kap 486 tal-Liġijiet, li jagħmel applikabbli għal Malta l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1956 dwar il-Kuntratt għall-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (CMR).

[57] Ara korrispondenza a fol 75
[58] Ara ritratti a fol 84 et seq, u fol 134 et seq.

Illi l-Konvenzjoni tipprovdi hekk dwar ir-responsabilta' f'dawn iċ-ċirkustanzi:

*Article 3*

*For the purposes of this Convention the carrier shall be responsible for the acts of omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use for the performance of the carriage, when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment, as if such acts or omissions were his own.*

*Article 17*

*1. The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.*

*2. The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*

*3. The carrier shall not be relieved of liability by reason of the defective condition of the vehicle used by him in order to perform the carriage, or by reason of the wrongful act or neglect of the person from whom he may have hired the vehicle or of the agents or servants of the latter.*

*4. Subject to article 18, paragraphs 2 to 5, the carrier shall be relieved of liability when the loss or damage arises from the special risks inherent in one more of the following circumstances:*
*(a) use of open unsheeted vehicles, when their use has been expresslyagreed and specified in the consignment note;*
*(b) the lack of, or defective condition of packing in the case of goodswhich, by their nature, are liable to wastage or to be damaged when not packed or when not properly packed;*
*(c) handling, loading, stowage or unloading of the goods by the sender, the consignee or person acting on behalf of the sender or the consignee;*
*(d) the nature of certain kinds of goods which particularly exposes them to total or partial loss or to damage, especially through breakage, rust,decay, desiccation, leakage, normal wastage, or the action of moth orvermin;*
*(e) insufficiency or inadequacy of marks or numbers on the packages;*

*(f) the carriage of livestock.*

*5. Where under this article the carrier is not under any liability in respect of some of the factors causing the loss, damage or delay, he shall only be liable to the extent that those factors for which he is liable under this article have contributed to the loss, damage or delay.*

*Article 18*

*1. The burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the causes specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier.*

*2. When the carrier establishes that in the circumstances of the case, the loss ordamage could be attributed to one or more of the special risks referred to in article17, paragraph 4, it shall be presumed that it was so caused. The claimant shall,however, be entitled to prove that the loss or damage was not, in fact, attributableeither wholly or partly to one of these risks.*

*3. This presumption shall not apply in the circumstances set out in article 17, paragraph 4 (a), if there has been an abnormal shortage, or a loss of any package.*

*4. If the carriage is performed in vehicles specially equipped to protect the goods from the effects of heat, cold, variations in temperature or the humidity of the air, the carrier shall not be entitled to claim the benefit of article 17, paragraph 4 (d),unless he proves that all steps incumbent on him in the circumstances with respect to the choice, maintenance and use of such equipment were taken and that he compliedwith any special instructions issued to him.*

*5. The carrier shall not be entitled to claim the benefit of article 17, paragraph 4 (f), unless he proves that all steps normally incumbent on him in the circumstances were taken and that he complied with any special instructions issued to him.*

Illi l-carrier f'dan il-każ hu Jet Freight, għaliex ix-xerrej ikkontratta ma' din il-kumpanija biex tittrasporta l-merkanzija. Il-kumpaniji l-oħra kollha, ħlief għal Clayton Abela Logistics, kollha ħadmu bħala subcontractors ta' xulxin, u fl-aħħar mill-aħħar ta' Jet Freight. Għalhekk skont l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni, Jet Freight hi responsabbli għall-aġir tal-kumpaniji l-oħra subcontractors tagħha.

Illi l-iskop ta' din il-Konvenzjoni hu proprju li jħares lil sid il-merkanzija (Top Choice f'dan il-każ) kontra sitwazzjonijiet bħal din. Peress li dan it-trasport ħafna drabi jkun maqsum f'biċċiet u jkun hemm numru ta' subcontractors, it-Trattat jistabilixxi min ikun responsabbli għal dak li jiġri f'xi parti jew oħra tal-vjaġġ. Ipoġġi kumpanija waħda li tkun responsabbli għall-merkanzija, biex hekk ikun faċli għal sid il-merkanzija li jħares id-drittijiet tiegħu. Is-sid ma jkollux l-informazzjoni kollha dwar min kienu s-subcontractors għat-trasport, pero' din il-Konvenzjoni tagħmilha ċara min għandu r-responsabilta'. Għalhekk ladarba l-ftehim ta' ġarr sar bejn Top Choice u Jet Freight, kienet responsabilita' ta' Jet Freight li jara li jħares il-merkanzija, li tagħha ħa responsabilta', minn serq u ħsara. Mhux biżżejjed li jgħid li qabbad trasportatur ieħor, għaliex Jet Freight jibqa' responsabbli sakemm il-merkanzija waslet għand Top Choice. Talli assuma din ir-responsabilta' hu tħallas, u għalhekk irid iġorr ir-responsablita' tagħha wkoll.

Illi fis-sentenza **Atlas Insurance PCC Ltd vs B.A.S. Limited**[59]**,** li kellha fatti simili għall-każ odjern, il-Qorti qalet:

> *Madanakollu, din il-Qorti ma taqbilx illi G.M.C. Transport Company Limited għandha tinżamm solidament responsabbli vis-à-vis r-rikorrenti u dan għar-raġuni li bejn G.M.C. Transport Company Limited u Intercomp Marketing Ltd ma nħolqot ebda relazzjoni ġuridika. Hija biss B.A.S. Limited li għandha rabta ġuridika ma' Intercomp Marketing Ltd. Il-Qorti tqis illi għalkemm huwa minnu li l-merkanzija kienet fil-pussess materjali ta' G.M.C. Transport Company Limited matul it-traġitt, madankollu kien jinkombi fuq B.A.S. Limited li ssegwi l-merkanzija tul il-proċess tal-ġarr sad-destinazzjoni u li tassigura li dik il-merkanzija tiġi konsenjata fl-intier lill-klijent tagħha. Ir-responsabilità finali vis-à-vis Intercomp Marketing Limited tibqa' ta' B.A.S. Limited salv id-dritt ta' rivalsa li din jista' talvolta jkollha fil-konfront tas-sub-appaltatur tagħha G.M.C. Transport Company Limited.*

Illi mbagħad l-artiklu 17 jirrifletti l-artiklu 3, għaliex jitfa' r-responsabilta' tal-ħsara li jiġrilha l-merkanzija fuq il-carrier. Pero' hemm xi eċċezzjonijiet li jistgħu jeħilsu lit-trasportatur mir-responsabilta'. Il-parti relevanti għal dan il-każ mis-subartiklu hija: *through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*

[59]Deċiża mill-Prim Awla fis-17 t'April 2024 u mhux appellata. Il-Qorti ddeskriviet il-fatti ta' dan il-każ hekk: *Is-soċjetà Intercomp Marketing Limited inkarigat lis-soċjetà intimata B.A.S. Limited, sabiex tittrasporta merkanzija konsistenti f'computer hardware, mill-Olanda lejn Malta, u da parte tagħha, s-soċjetà B.A.S. Limited inkarigat lil G.M.C. Transport Company Limited, sabiex tespleta parti mill-inkarigu lilha fdat, liema merkanzija kellha tasal Malta fl-10 ta' Diċembru 2018 (NL. 1663835). Meta l-merkanzija relattiva ġiet ikkonsenjata lil Intercomp Marketing Limited, irriżulta li kien hemm diversi nuqqasijiet u dan anke kif jirriżulta mid-delivery note relattiva, liema nuqqasijiet huma attribwibbli lis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom.*

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li r-responsabilita fil-ġarr CMR hi ogħla minn sempliċi diliġenza u dan b'mod partikolari jgħodd għall-applikazzjoni tal-artiklu 17(3). Mhux biżżejjed li t-trasportatur jagħmel xogħlu sew imma jrid jieħu dawk il-miżuri neċessarji lil hinn mid-diliġenza ordinarja biex iħares il-merkanzija. Huwa hekk biss li jista' jiskolpa ruħu jekk iseħħu ċirkustanzi li ma jkollux kontroll fuqhom u li jagħmlu ħsara lill-merkanzija.

Illi Jet Freight ressqet ftit provi u l-punt ta' dawn il-ftit provi kien li ladarba Jet Freight iddelegat lil kumpanija oħra (u din għamlet l-istess ma' oħrajn warajha), allura ma kellha l-ebda kontroll fuq dak li seħħ mill-merkanzija fil-frattemp. Ma ressqetx prova fuq id-diliġenza li eżerċitat. Inqas u inqas ressqet prova li għamlet dak kollu li setgħet biex il-merkanzija tkun imħarsa minn ħsara jew serq. Punt ieħor li qajmet Jet Freight hu li f'Bologna u f'Malta l-imħażen fejn kienet il-merkanzija kienu siguri. Pero' s-serqa jidher li saret qabel il-merkanzija waslet fil-maħżen f'Bologna. Għalhekk dan li qalet Jet Freight ftit jiswa f'din il-kawża.

Illi l-Qrati tagħna għallmuna dwar l-interpretazzjoni ta' din l-eċċezzjoni fl-artiklu 17(3). Fis-sentenza **Middlesea Insurance plc vs Jet Services Limited**[60] il-Qorti rreferiet għal diversi awturi dwar dan il-punt, li qalu li jrid ikun hemm livell għoli ta' attenzjoni u ħarsien mit-trasportatur u mhux biżżejjed li sempliċiment ikun diliġenti. Irreferiet ukoll għal guidelines maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tat-Trasportaturi fuq it-Triq (FIATA) biex it-trasportaturi kemm jista' jkun jevitaw is-serq fil-vjaġġ tagħhom u saħansitra qalet:

> *Dawn il-guidelines fil-fehma ta' din il-Qorti għandhom jiġu addottati b'mod ġenerali f'kull każ ta' trasport ta' merkanzija fuq l-art. Din il-Qorti tqis dawn il-miżuri bħala neċessarji biex trasportatur ikun jista' jipprova jeħles mir-responsabbilitá; dawn il-miżuri, fil-fehma tal-Qorti għandhom jitqiesu bħala sine qua non għal kull vjaġġ, u n-nuqqas tat-trasportatur li jadopera xi waħda minn dawk il-miżuri, għandha twassal għall-konklużjoni li t-trasportatur ikun responsabbli għal dak li jiġri. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tqis dawk il-guidelines bħala li għandhom jiġu segwiti u adoperati f'kull każ ta' trasport fuq l-art, u n-nuqqas li jiġu adoperati dawk il-miżuri ta' sigurtá jkun neċessarjament ifisser li l-att tat-terzi ma jkunx jista' jitqies bħala wieħed "which literally 'could not' be avoided by the carrier".*

Illi dawn il-guidelines jirreferu per eżempju għal devices kontra s-serq mal-merkanzija, jittrattaw fejn għandhom jieqfu s-sewwieqa għall-mistrieħ, li t-trasport m'għandux isir bi truck wieħed waħdu, li kemm jista' jkun il-merkanzija ma titwassalx f'postha billejl, u miżuri simili bħal dawn. Fil-każ odjern, il-konvenuta Jet Freight ma ġabitx prova li ttieħdu xi miżuri minn dawn. U meta s-

[60] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju 2017

surveyors talbu iktar informazzjoni fuq dik il-parti tal-vjaġġ bejn ir-Rumanija u Bologna, Jet Freight ma tatx iktar informazzjoni. Għalhekk anke r-rapporti tas-surveyors mhumiex konklusivi dwar eżatt x'ġara f'dik il-parti tal-vjaġġ, għalkemm jistabilixxu ċar li dan hu każ ta' serq li seħħ f'dik il-parti tal-vjaġġ meta Transcoop White Truck kellha l-merkanzija fiżikament f'idejha.

Illi fis-sentenza **Prokuratur Legali Madeline Firman nomine vs Concorde International Freight Forwarders Limited**[61] il-Qorti kkwotat iktar awturi u kienet tal-istess fehma:

> *Il-grad ta' diliġenza rikjesta f'każijiet simili mit-trasportatur hu deskritt hekk mill-awtur Malcolm A. Clarke fil-ktieb "International Carriage of goods by Road: CMR".*
>
>> *"There is a temptation to exonerate the carrier on this ground, if he has taken all 'reasonable steps' to avoid the event causing loss ... This would sit easily with the general duty of exercising reasonable care of cargo, which, it has been suggested will be implied in a contract to carry goods by road. But the defense in article 17 (2) makes no mention of reasonable steps and such steps are probably insufficient. What the carrier must show is more akin to the plea of impossibility of performance of a contract which involves an event which renders the contract not merely more onerous but completely impossible of performance. Writers on the CMR are agreed that the event must be one which literally 'could not' be avoided by the carrier. It need not however, like the concept of force majeur in France, be unforseeable although many events will, by the very fact that they are foreseeable, be avoidable by the carrier of whom such a high standard is required"....*
>
> *Il-Qrati tagħna donnhom qed isegwu din il-linja riġida fl-interpretazzjoni tal-klawsola relattiva tas-CMR – ara "**Sullivan vs Grech**", deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Frar, 2001, "**Galdes vs Bowman**", deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2002 u "**Farrugia noe vs Gatt noe**", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Jannar, 1984, fejn intqal li "mhux biżżejjed li ċ-ċirkostanzi kienu straordinarji imma li jridu jkunu tant straordinarji li jirrenduha impossibbli lill-carrier li jimpediha anke bl-akbar diliġenza. L-essenza tad-difiża hija l-imprevedibilita' u l-inevitabilita".*

Illi għalhekk Jet Freight ma tistax tkun eżonerata mir-responsabilta' tagħha fir-rigward tax-xerrej tal-merkanzija Top Choice, ladarba ma urietx x'miżuri ħadet

[61] Deċiża mill-Prim Awla fit-30 ta' Marzu 2006, mhux appellata

hi jew x'esiġiet li l-kumpaniji inkarigati bħala subcontractors tagħha jieħdu fid-dawl ta' dawn il-guidelines, biex tevita s-serq. Minn diversi trasportaturi subcontractors u tant persuni oħra involuti, ma ressqet lil ħadd biex jixhed u juri x'miżuri setgħu ittieħdu f'dan is-sens. Għalhekk il-Qorti ssib li Jet Freight hi responsabbli għal dan is-serq fir-rigward ta' Top Choice u s-surrogat tagħha l-kumpanija attriċi.

Ikkunsidrat

Illi rigward ir-responsabilta' tal-konvenut Clayton Abela Logistics, irriżulta ppruvat li dan il-konvenut ġarr il-merkanzija mill-maħżen ta' Jet Freight f'Ħal Far sal-maħżen ta' Top Choice f'Ħal Qormi. Hemm qbil ukoll bejn il-partijiet li Jet Freight ma qabbditx lil Clayton Abela bħala subcontractor imma dan kien imqabbad direttament minn Top Choice. Mhux kontestat li t-trasport ta' Clayton Abela sar f'Malta biss. Għalhekk bħala tali l-Konvenzjoni ta' Ġinevra ma tapplikax għal dan il-kuntratt, għax il-merkanzija nġabret minn Clayton Abela u twasslet minnu fl-istess pajjiż, u ċioe' f'Malta.

Illi rriżulta wkoll ippruvat li Clayton Abela iffirma d-delivery order li rċieva l-merkanzija in good order and condition[62] u ġarr il-merkanzija mingħajr ma nduna li kien hemm differenza fil-piż. Pero' rriżulta ppruvat ukoll li s-serq sar fil-parti tal-vjaġġ li tagħha kienet responsabbli l-konvenuta Jet Freight, hekk kif irriżulta ppruvat ukoll li Clayton Abela Logistics kellu kuntratt ma' Top Choice separat distint minn dak bejn Top Choice u Jet Freight.

Illi jiġi rilevat li l-fatt li Clayton Abela Logistics naqset li tosserva li l-merkanzija li kienet qed tirċievi ma setgħax kellha l-piż dikjarat u aċċettat il-merkanzija "in good order" ma jirrendhiex responsabbli għad-danni li soffriet s-soċjeta attriċi. Dawn mhumiex riżultat ta' dan in-nuqqas imma huma riżultat ta' dak li ġara waqt il-ġarr tal-merkanzija għal Malta qabel ma ġiet ikkonsenjata lil Clayton Abela Logistics. Konsegwentement din is-soċjeta m'għandhiex responsabblita għal ħlas ta' danni skont l-artikoli 1031 u l-artikli l-oħra tal-Kodiċi Ċivili.

Ikkunsidrat

Illi l-attriċi qed titlob ħlas ta' wieħed u għoxrin elf seba' mija wieħed u sebgħin euro u sittin ċenteżmu (€21,771.60) rappreżentanti €2176 mħallsa lil Top Choice u €495.60 mħallsa lis-surveyor.

Illi fir-rapporti tagħhom esebiti, s-surveyors qablu bejniethom li t-telf f'dan il-każ kien ta' erba' mija tnejn u għoxrin (422) kaxxa ta' appliances domestiċi li l-valur tagħhom kien ta' wieħed u għoxrin elf mitejn sitta u sebgħin euro €21,276 ir-

[62] Fol 103

rapport li s-surveyor tal-attriċi, Joe Buhagiar. Huwa ħa l-valur totali fuq l-invoice tal-merkanzija kollha (475 appliance) u minnu naqqas il-valur tat-tlieta u ħamsin (53) appliance li nstabu, biex hekk ħareġ total ta' wieħed u għoxrin elf mitejn sitta u sebgħin euro (€21,276.30). Dawn l-ammonti huma ppruvati wkoll mid-dokumenti esebiti.

Illi l-attriċi mbagħad ħallset ukoll lis-surveyor tagħha s-somma ta' erba' mija ħamsa u disgħin euro u sittin ċenteżmu (€495.60). Dan is-survey ma kienx ikun hemm bżonnu kieku Jet Freight ħadet il-prekawzjonijiet kollha li kien hemm bżonn u ħarset l-integrita tal-merkanzija. Għalhekk is-soċjeta' konvenuta twieġeb ukoll għal dan it-telf soffert direttament mill-attriċi a bażi ta' culpa aquiliana ai termini tal-artiklu 1031 tal-Kodiċi Ċivili u l-artikli ta' wara. Ladarba nstab li l-konvenut Jet Freight ma ressaqx provi dwar dik il-parti tal-vjaġġ li fiha seħħ is-serq, il-Qorti ssib li ma kienx diliġenti bħal bonus paterfamilias, kif mitlub mill-artiklu 1031 u l-artikli l-oħra tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk Jet Freight hi responsabbli wkoll għal dan il-ħlas.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, fil-waqt **li tiċħad it-talbiet attriċi in kwantu diretti lejn s-soċjeta Clayton Abela Logistics Limited**, u filwaqt li tiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta konvenuta Jet Freight Limited, **tilqa' t-talbiet tas-soċjeta attriċi kif dedotti in kwantu diretti lejn is-soċjeta Jet Freight Limited, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż** kontra l-istess Jet Freight Limited, ħlief għall-ispejjeż tas-soċjeta konvenuta Clayton Abela Logistics Limited li għandhom jitħallsu mill-attriċi Elmo Insurance Limited.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**